# Kunsill Lokali Gżira

14 ta' Marzu 2022

**Ref Nru. 42/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 42/2022 li saret il-Ħamis 24 ta' Frar 2022

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5.30pm.

**Preżenti**

Sitt membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Hugh Caruana u Jessica Borg flimkien mal-Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Il-Kunsillera Jeremy Cardona, Alex Zammit u  Shaun Farrugia

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 16 ta' Frar 2022

**42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

42.1.1 L-Apoloġiji ġew moqrija.

**42.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

42.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il- 26 ta' Jannar 2022 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

42.2.2 Is-Sindku innota lis-Segretarja b'xi zbalji ta' ortoġrafija. Is-Segretarja ħadet nota sabiex tirranġhom.

42.2.3 Paġna Nru.4 para 41.6.5 – Ħsara fil-Lift – Is-Sindku talab aġġornament fuq il-lift, fejn is-Segretarja qalet li sid il-binja infurma lil kunsill li kien ser jieħu hsieb il-kont pendenti, u b'hekk ikunu jistaw jibda ix-xogħol sabiex jissewwa.

42.2.4 Paġna Nru.3 para 41.4.6 – Attivita tal-Karnival – Is-Sindku innota li minħabba ragunijiet varji, fl-aħħar laqgħa il-Kunsill iddecieda li ma jmexxiex bl-attivita tal-Geggen band. Is-Segretarja innotat li fl-aħħar laqgħa id-diskussjoni baqat miftuha u d-decizjoni ma ittieħdietx.Il-Kunsill ikkonferma waqt din il-laqgħa li mhux sa jmexxi b'din l-attivita.

42.2.5 Paġna Nru.3 para 41.4.4 – Proġett tal- Gnien – Il-Kunsillier H.Caruana staqsa aġġornament fuq id-decizjoni li ħa il-Kunsill biex immexi bil-qorti kontra il-Lands. Is-Sindku qal li l-Avukat Claire Bonello qed taħdem fuqa prezentament u li fil-gimgħa li ġejja għandha tipprezenta kollox il-qorti.

42.2.6 Il-Kunsillier I.Buhagiar ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 41 jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ.

**42.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

42.3.1 Riċerka fuq il-Kapillan Carlo Manché – Il-Sindku stidena is-Sur Tony Micallef biex jattendi il-laqgħa u jagħmel prezentażżjoni fuq din ir-ricerka. Din ir-ricerka tinkludi intervisti u ritratti fuq il-kapillan Manché, li saret fuq medda ta' snin minn Lorry Formosa. S-Sur Micallef flimkien ma nies oħra ġabru din ir-ricerka u qedin jagħmlu transcript tal-intervisti sabiex jinġabru fi ktieb kommemorattiv. Din ir-ricerka tinkludu kemm aspett religjuz, kif ukoll

storiku sa minn qabel it-tieni gwerra. Hawn is-Sur Micallef wera x-xewqa li l-Kunsill jagħti l-għajnuna finanzjarja sabiex jiġi ippubblika dan il-ktieb. Fuq prinċipju, il-Kunsill qabel li jagħti l-appoġġ tiegħu, sadanittant s-Sur Micallef għandu jinfurma lil Kunsill ta' l-ispejjez meħtiġa. Tali spejjez jitresqu lil-kunsill għal kunsiderazzjoni waqt laqgħat futuri.

42.3.2 Air Purifiers għal-Ufficju tal-Kunsill – L-Amministrazzjoni infurmat lil Kunsill li baqgħat ma irceviet iktar quotes barra dawk inizjali. Il-Kunsill baqa xettiku dwar id-differenza fil-prezz bejn quote u oħra. Il-Kunsillier N.Chetcuti semmagħa li sab fornitur bi prezz irħass, għadaqstant għadda l-informazzjoni lis-Segretarja sabiex iggieb iktar informazzjoni.

42.3.3 Is-Sindku ħabbar li ġiet inawgurata il Polyclinic u li mil-Ġimgħa 25 ta' Frar ser terġa tinfetaħ għal pubbliku.

42.3.4 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier H.Caruana, is-Sindku ikkonferma li ma kienx hemm iktar spejjez fuq il-kas tal-pompa ħlief dawk li tħabbru fl-aħħar laqgħa.

42.3.5 Is-Sindku ta' aġġornamet fuq il-kwistjoni tal-pompa, fejn qal li l-istudju tal – Impact Assesment tlesta, studju li ħadd mil-persuni kkoncernati ma għamlu. Ir-risultati ser jiġu ipprezentati il-qorti fil-kawza prezenti.

42.3.6 Parkeġġ ta' l-Universita – Is-Sindku infurma lil kunsill li il-progett tal-parkeġġ ser itaffi il-problema li hawn fil-lokalita, dan għaliex ser jinħolqu il-fuq minn elf parkeġġ. Dan il-parkeġġ li ser isir taħt l-art huwa bidu għal ambjent aħjar fil-komunita. Il-fondi ġejjin mil-Urban Improvement Fund, miġbur mil-lokalitajiet kollha fil madwar (Msida, San Giljan u tas-Sliema).

42.3.7 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier A.Zammit, is-Sindku qal li dawn l-spejjez qed isiru minn fondi li l-Kunsill ingħata għal progetti ta' l-Europa. Total ta' dal il-fondi huwa madwar sitt mitt elf (600K), fondi li ingħataw sabiex il-Kunsill jinvesti f'equipment (camera etc), travelling costs, personnel costs etc. Is-Segretarja ziedet tgħid li mija u sittin elf euro (160K) minn dawn il-fondi il-Kunsill diġa irċevihom.

**42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

42.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**42.5 Rapporti**

42.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

**42.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

42.6.1 Il-Kunsillier I.Buhagiar semmgħa li għal kemm il-Kunsill kien għadu ma taghx permess li jsir il-hoarding fi Triq Ponsomby, xorta wahda sar. Is-Sindku u uħud mil-Kunsilliera innotaw li dan għandu mnejn sar għal fini ta' sigurta, għaldqastant is-Sindku ser jiccekja mas-sid x'inhi s-sitwazzjoni.

42.6.2 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa il-problema tal-funerali minħabba x-xogħlijiet li jridu isiru fit-triq Carlo Manche. Għaldaqstant ser isiru tabelli apposta li jitwahlu skont l-esiġanza.

42.6.3 Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-bring in site, fejn hawn is-Segretarja qalet li qedin jinġabru il-quotes, u la darba jiġabru kollha jiġu pprezentati li Kunsill għal approvazzjoni.

42.6.4 Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar Charging Points, fejn is-Sindku qal li kien qiegħed jikkomunika magħhom hu. Il-Kunsill ġie infurmat li diġa bdew jitwaħħlu uħud minhomm.

42.6.5 Fuq ilmenti tal-Kunsillier, is-Sindku stqarr li għandha tinbaghat ittra lil Ministru, kif ukoll lil-Kummissarju tal-Pulizija fejn il-Kunsill jinstaqsi fejnhom il-Comminity Police li gew imwegħeda waqt id-diskors tal-budget.

42.6.6 Il-Kunsillier N.Chetcuti issuġġerixxa li Pjazza Jerry Zammit tiġi ikkonvertita f'open space. Is-Sindku qal li din z-zona hija imsemmija sabiex issir stazzjon għal underground, għaldaqstant qabel ma jsiru kwalunkwe pjanijiet wieħed għandu jara u jkun ċerta x'ser jiġri.

**42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

42.7.1 Il-Kunsillier H.Carauna staqsa dwar il-pagament ta Dr R. Fenech Adami, li huwa pagament ta kawza li inqatat.

42.7.2 Il-Kunsilliera I.Buhagiar staqsa dwar il-pagament tal Pext, li huwa pagament ta Rodent Control fil-gnien.

42.7.3 Il-Vici Sindku R.Mangion ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier N.Chetcuti ssekonda.

**42.8 Mozzjonijiet**

42.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**42.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

42.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 7.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-It-Tlieta 22 ta' Marzu 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |